*Avviż Nru. 235/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 7, taħt Binja tal-Wejter, Birkirkara, Triq l-Imsida. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,800 (€13,510.37) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 236/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 12, taħt Blokk 2, Burmarrad, Triq l-Insolja. Offerti taħt Lm12,500 (€29,117.07) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 237/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 13, Bormla, Triq San Ġwann. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm4,200 (€9,783.37) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 238/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 38, taħt Blokki 1 – 8, il-Fgura, Triq l-Għarnuq. Offerti taħt Lm11,000 (€25,623.11) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 239/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 15, taħt Blokki 1 – 5, (Ta' Tewma), Ħal Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offerti taħt Lm4,800 (€11,180.99) ma jiġux ikkunsidrati.

HOUSING AUTHORITY

The Chairman, Housing Authority notifies that: -

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana by noon on Friday, 23rd November 2007.

*Advt. No. 234/2007. Sale tale quale of a premises No. 49, Birżebbugia, Tal-Papa, Phase III, Triq Robert Baden Powell. Offers below Lm7,200 (€16,771.49) will not be considered.

*Advt. No. 235/2007. Sale tale quale of premises No. 7, under Binja tal-Wejter, Birkirkara, Triq l-Imsida. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,800 (€13,510.37) will not be considered.

*Advt. No. 236/2007. Sale tale quale of premises No. 12, under Block 2, Burmarrad, Triq l-Insolja. Offers below Lm12,500 (€29,117.07) will not be considered.

*Advt. No. 237/2007. Sale tale quale of premises No. 13, Cospicua, Triq San Ġwann. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,200 (€9,783.37) will not be considered.

*Advt. No. 238/2007. Sale tale quale of premises No. 38, under Blocks 1 – 8, Fgura, Triq l-Għarnuq. Offers below Lm11,000 (€25,623.11) will not be considered.

*Advt. No. 239/2007. Sale tale quale of premises No. 15, under Blocks 1 – 5, (Ta' Tewma), Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offers below Lm4,800 (€11,180.99) will not be considered.

*Avviż Nru. 240/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 29, taħt Binja Ħal Ġinwi, Marsaxlokk, Triq Axtart. Offerti taħt Lm6,200 (€14,442.12) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 241/2007. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 1, il-Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq ir-Rifuġjati. Offerti taħt Lm12,500 (€29,117.17) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 242/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 23, il-Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq ir-Rifuġjati. Offerti taħt Lm8,400 (€19,566.74) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 243/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 2, taħt Binja tal-Ħarriġiet, Mqabba, Triq il-Barrieri. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm4,400 (€10,249.24) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 244/2007. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 1, Ent. 167, Msida, Triq il-Wied. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm39,000 (€90,845.56) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 245/2007. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 4, Ent. 49, Msida, Triq il-Kunċizzjoni. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm10,000 (€23,759.61) ma jigux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 246/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 3, taħt Blokki A – D, (Tas-Swatar), l-Imsida, Triq Ġużè Ellul Mercer. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm6,200 (€14,442.12) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 247/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 7, taħt Blokki A – D, (Tas-Swatar), l-Imsida, Triq Ġużè Ellul Mercer. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm6,200 (€14,442.12) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 248/2007. Bejgħ *tale quale* tal-*parking space* Nru. 5, taħt Binja L-Marg, l-Imtarfa, Triq Sir Leslie Rundle.

*Advt. No. 240/2007. Sale tale quale of premises No. 29, Binja Ħal Ġinwi, Marsaxlokk, Triq Axtart. Offers below Lm6,200 (€14,442.12) will not be considered.

*Advt. No. 241/2007. Sale tale quale of a shop No. 1, Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq ir-Rifuġjati. Offers below Lm12,500 (€29,117.17) will not be considered.

*Advt. No. 242/2007. Sale tale quale of premises No. 23, Mosta, (Tal-Blata l-Għolja), Triq ir-Rifuġjati. Offers below Lm8,400 (€19,566.74) will not be considered.

*Advt. No. 243/2007. Sale tale quale of premises No. 2, under Binja tal-Ħarriġiet, Mqabba, Triq il-Barrieri. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm4,400 (€10,249.24) will not be considered.

*Advt. No. 244/2007. Sale tale quale of a shop No. 1, Ent. 167, Msida, Triq il-Wied. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm39,000 (€90,845.56) will not be considered.

*Advt. No. 245/2007. Sale tale quale of a shop No. 4, Ent. 49, Msida, Triq il-Kunċizzjoni. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm10,000 (€23,759.61) will not be considered.

*Advt. No. 246/2007. Sale tale quale of a premises No. 3, under Blocks A – D, (Tas-Swatar), Msida, Triq Ġużè Ellul Mercer. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm6,200 (€14,442.12) will not be considered.

*Advt. No. 247/2007. Sale tale quale of a premises No. 7, under Blocks A – D, (Tas-Swatar), Msida, Triq Ġużè Ellul Mercer. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm6,200 (€14,442.12) will not be considered.

*Advt. No. 248/2007. Sale tale quale of parking space No. 5, under Binja L-Marg, Mtarfa, Triq Sir Leslie Rundle. Offers below Lm3,000 (€6,988.12) will not be considered.

Offerti taħt Lm3,000 (€6,988.12) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 249/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 9, taħt Binja Sgħajtar, Naxxar, Triq il-Bajtar. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,100 (€18,867.92) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 250/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 4, Sit B, Blokk 13, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offerti taħt Lm6,200 (€14,442.12) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 251/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 45, Sit Ċ, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon c/w Triq Burma. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 (€2.33) fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,300 (€19,333.80) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 252/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 64, Sit D, Pembroke, Triq Salvatore Castaldi. Offerti taħt Lm5,800 (€13,510.37) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 253/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 2, taħt *Maisonettes* 25 – 36, Pembroke, Sit F, Triq Gioacchino Le Brun. Offerti taħt Lm6,200 (€14,442.12) ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-2 ta' Novembru, 2007

MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN

Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jistieden kumpaniji biex jesprimu l-interess tagħhom biex jiġu kkunsidrati għad-disinn, kostruzzjoni, tagħmir, manutenzjoni u żarmar tal-Padiljun ta' Malta fl-Expo Zaragoza li se jsir bejn l-14 ta' Ġunju u l-14 ta' Settembru 2008

Dawn il-kumpaniji għandhom jibagħtu nota li turi interess lill-Kumitat Nazzjonali ta' l-EXPO f'280, Triq ir-Repubblika, Valletta, jew permezz ta' e-mail: expomalta@gov.mt mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Novembru, 2007.

It-2 ta' Novembru, 2007

*Advt. No. 249/2007. Sale tale quale of a premises No. 9, under Binja Sgħajtar, Naxxar, Triq il-Bajtar. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,100 (€18,867.92) will not be considered.

*Advt. No. 250/2007. Sale tale quale of premises No. 4, under Block 13, Site B, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offers below Lm6,200 (€14,442.12) will not be considered.

*Advt. No. 251/2007. Sale tale quale of premises No. 45, Site C, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon c/w Triq Burma. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 (€2.33) per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,300 (€19,333.80) will not be considered.

*Advt. No. 252/2007. Sale tale quale of premises No. 64, Site D, Pembroke, Triq Salvatore Castaldi. Offers below Lm5,800 (€13,510.37) will not be considered.

*Advt. No. 253/2007. Sale tale quale of premises No. 2, under Maisonettes 25 -36, Pembroke, Site F, Triq Gioacchino Le Brun. Offers below Lm6,200 (€14,442.12) will not be considered.

*Advertisements appearing for the first time

Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

2nd November, 2007

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

The Ministry of Foreign Affairs invites companies to express their interest to be considered for the design, construction, equipment, maintenance and dismantling of the Maltese Pavilion at Expo Zaragoza to be held from 14th June to 14th September 2008.

A note indicating such an interest is to be sent to the EXPO National Committee at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta, or via e-mail: expomalta@gov.mt by not later than Monday, 5th November, 2007.

2nd November, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. PSQ06/07. Kiri ta' *coaches* għall-YSO - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mill-*Procurement Section*, Kamra 144, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l- 11.30 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet, li tinsab fil-*Procurement Section*, Kamra 144, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana.

It-Taqsima tal-*Procurement* u Amministrazzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tgħarraf li partijiet interessati jistgħu jattendu u jaraw il-ftuħ u skedar tal-kwotazzjonijiet fid-data u l-ħin stipulati.

It-2 ta' Novembru, 2007

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 23rd November, 2007, for:-

Quot. No. PSQ06/07. Hire of coaches for the YSO - Education Division.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144, Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the Procurement Section, Room 144, Education Division, Floriana.

The Procurement and Adminstration Branch of the Education Division notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of quotations on the appointed date and time.

2nd November, 2007

KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦALL-PROMOZZJONI TA' L-UGWALJANZA

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bħala parti mill-proġett: 'ESF/No. 48 *Affirming Gender Mainstreaming at a National Level*' teħtieġ servizz b'kuntratt għal:

Pubblikità fil-Gazzetti.

It-termini ta' riferenza jistgħu jinkisbu mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, (NCPE) Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR9010, jew permezz ta' *e-mail* fuq equality@gov.mt

Mistoqsijiet għandhom jintbagħtu lill-equality@gov.mt mhux aktar tard mill-Erbgħa, is-7 ta' Novembru, 2007.

Id-data ta' l-għeluq hija t-Tlieta, it-13 ta' Novembru, 2007.

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett Finanzjat Parzjalment mill-Unjoni Ewropea

It-2 ta' Novembru, 2007

NATIONAL COMMISSION FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

The National Commission for the Promotion of Equality, as part of the project: 'ESF/No. 48 Affirming Gender Mainstreaming at a National Level' is requesting service contract for:

Newspaper Publicity.

The terms of reference may be obtained from the National Commission for the Promotion of Equality (NCPE), Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR9010, or via e-mail on equality@gov.mt

Any queries should be sent to equality@gov.mt by not later than noon of Wednesday, 7th November, 2007.

Closing Date is noon of Tuesday, 13th November, 2007.

Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project Part-Financed by the European Union

2nd November, 2007

DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Id-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. SVP 406. Provvista u stallazzjoni ta' *nurse call system* ġdida fis-swali ta' l-irġiel 5/6 fir-Residenza San Vincenz de Paule, Ħal Luqa.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-2 ta' Novembru, 2007

DIVIŻJONI TAL-HEALTHCARE SERVICES

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-*Healthcare Services*, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Novembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż. Nru. 116. Żvilupp u konsenja ta' programm ta' taħriġ fil-Prevenzjoni tas-Saħħa Mentali.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Diċembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż. Nru. 117. Vomitting bags.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Pjazza San Luqa, Guardamangia, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.

It-2 ta' Novembru, 2007

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MCH 196/2007. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *air-conditioning units* fl-Isptar Monte Karmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet

DEPARTMENT FOR THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

The Director, Department for the Elderly and Community Care, notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 30th November, 2007, for:-

Advt. No. SVP 406. Supply and installation of a new nurse call system at wards male 5/6 at St Vincent de Paule Residence, Luqa.

Offers should be made only on the prescribed forms, which together with the relative conditions and other documents are obtained on application at the Department for the Elderly and Community Care, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

2nd November, 2007

HEALTHCARE SERVICES DIVISION

The Director General, Healthcare Services Division, notifies that:

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 28th November, 2007, for:-

Advt. No. 116. Development and delivery of a training programme in Preventive Mental Health.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 5th December, 2007, for:-

Advt. No. 117. Vomitting bags.

Further information may by obtained from the Health Division, Pjazza San Luqa, Guardamangia, on any working day between 8.00 a.m. and 12.30 p.m.

2nd November, 2007

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box up to noon of Friday, 23rd November, 2007, for:-

Advt. No. MCH 196/2007. Supply, installation and commissioning of air-conditioning units at Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the

ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Qabel jingabru d-dokumenti ta' l-offerta, l-offerenti għandhom iħallsu dritt ta' Lm15 (€34.94) lid-Direttur ta' l-Uffiċċju Finanzi u Amministrazzjoni, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard.

It-2 ta' Novembru, 2007

conditions of this tender may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

Before collecting the tender documents, prospective tenderers are to pay a fee of Lm15 (€34.94) at the Director of Finance and Administration Office, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard.

2nd November, 2007

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru, 2007 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 36/2007. Provvista u konsenja ta' ħut frisk għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2008.

Avviż Nru. D. Cust. S. 37/2007. Provvista u konsenja ta' ċanga tal-friża bla għadam għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2008.

Avviż Nru. D. Cust. S. 38/2007. Provvista u konsenja ta' ġobon għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2008.

Avviż Nru. D. Cust. S. 39/2007. Provvista u konsenja ta' ħut tal-friża għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2008.

Avviż Nru. D. Cust. S. 40/2007. Provvista u konsenja ta' kapuċelli għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2008.

Avviż Nru. D. Cust. S. 41/2007. Provvista u konsenja ta' marġerina b'kontenut imnaqqas ta' xaħam għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2008.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex u mit-Taqsima tal-Provvisti, Bini ta' l-Imħażen Mediċi, Sptar San Luqa, Guardamangia, Malta, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-2 ta' Novembru, 2007

MINISTRY FOR GOZO

The Director Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 23rd November 2007, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 36/2007. Supply and delivery of fresh fish for Gozo General Hospital for the year 2008.

Advt. No. D. Cust. S. 37/2007. Supply and delivery of frozen boneless ox-beef for Gozo General Hospital for the year 2008.

Advt. No. D. Cust. S. 38/2007. Supply and delivery of cheese for Gozo General Hospital for the year 2008.

Advt. No. D. Cust. S. 39/2007. Supply and delivery of frozen fish for Gozo General Hospital for the year 2008.

Advt. No. D. Cust. S. 40/2007. Supply and delivery of broiler chickens for Gozo General Hospital for the year 2008.

Advt. No. D. Cust. S. 41/2007. Supply and delivery of reduced fat spread for Gozo General Hospital for the year 2008.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Ministry for Gozo, Victoria and Supplies Section, Medical Stores Building, St Luke's Hospital, Guardamangia, Malta, on any working day during office hours.

2nd November, 2007

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-5 ta' Diċembru, 2007 mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurment*, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, Malta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 9/2007. Provvista ta' qomos lid-Dipartiment tal-Pulizija.

L-envelops li jkun fihom l-offerti għandhom ikunu mmarkati "Offerta Nru. 9/2007 – Qomos".

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement* (Kamra 6), Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-2 ta' Novembru, 2007

MALTA POLICE DEPARTMENT

The Commissioner of Police notifies that:–

Sealed tenders will be received at the Accounts and Procurment Section, Police General Headquarters, Floriana, Malta, up to 11.00 a.m. of Wednesday, 5th December, 2007, for:–

Advt. No. 9/2007. Supply of shirts to the Malta Police Department.

Envelopes containing the tenders should be marked "Tender No. 9/2007 - Shirts".

Forms of tender and any further information regarding the conditions of this contract may be obtained from the Accounts and Procurement Section (Room 6), Police General Headquarters, Floriana, on any working day during office hours.

2nd November, 2007

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi:–

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Erbgħa, il-5 ta' Diċembru, 2007 mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurment*, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, Malta, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 10/2007. Provvista ta' *lightbars* għall-vetturi bil-mutur lid-Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta.

L-envelops li jkun fihom l-offerti għandhom ikunu mmarkati "Offerta Nru. 10/2007 – *Lightbars"*.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement* (Kamra 6), Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-2 ta' Novembru, 2007

MALTA POLICE DEPARTMENT

The Commissioner of Police notifies that:–

Sealed tenders will be received at the Accounts and Procurment Section, Police General Headquarters, Floriana, Malta, up to 11.00 a.m. of Wednesday, 5th December, 2007, for:–

Advt. No. 10/2007. Supply of motorvehicle lightbars to the Malta Police Department.

Envelopes containing the tenders should be marked "Tender No. 10/2007 - Lightbars".

Forms of tender and any further information regarding the conditions of this contract may be obtained from the Accounts and Procurement Section (Room 6), Police General Headquarters, Floriana, on any working day during office hours.

2nd November, 2007

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-12 ta' Novembru 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 13/07. Provvista ta' arbli tad-dawl dekorattivi u dwal għal ġnien fi Triq l-Imħalla.

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to noon of Monday, 12th November 2007, for:-

Advt. No. 13/07. Supply of decorative lamp posts and luminaires for garden at Triq l-Imħalla.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 14/07. Provvista ta' arbli tad-dawl dekorattivi u dwal għal Ġnien Toni Vella.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta relattivi jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. sa nofsinhar u s-2.00 p.m. u l-4.00 p.m., mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

It-2 ta' Novembru, 2007

A fee of Lm10 (€23.29) is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 14/07. Supply of decorative lamp posts and luminaires for Ġnien Toni Vella.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be paid for each copy of tender document.

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, 21st September Avenue, Naxxar, from 8.00 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m., Monday to Friday.

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

2nd November, 2007

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Diċembru 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Naxxar jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 12/07. Provvista ta' *computer server.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta relattivi jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, in-Naxxar, bejn it-8.00 a.m. sa nofsinhar u s-2.00 p.m. u l-4.00 p.m., mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

It-2 ta' Novembru, 2007

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Naxxar Local Council up to noon of Friday, 7th December 2007, for:-

Advt. No. 12/07. Supply of computer server.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be paid for each copy of tender document.

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, 21st September Avenue, Naxxar, from 8.00 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m., Monday to Friday.

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

2nd November, 2007

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf illi:

Sat-3.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-3 ta' Diċembru, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin u mmarkati bin-numru ta' l-offerta għal:

Avviż Nru. KLH/TDR/04/2007. Servizzi ta' traqqigħ ta' toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti jingħabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħamrun, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-offerti jinfetħu minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrofta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-2 ta' Novembru, 2007

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that:

Sealed tenders marked with the tender number will be received in the tender box in the Council's administrative office up to 3.00 p.m. of Monday, 3rd December, 2007, for:

Advt. No. KLH/TDR/04/2007. Services of road patching works.

A fee of Lm20 (€46.59) will be paid for every copy of tender document.

Copies of the tenders can be collected from the Ħamrun Local Council, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, during office hours.

Tenders will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to reject every offer, even the most advantegeous.

2nd November, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1540

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Awissu 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fit-2 ta' Mejju 2007 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sharon Camilleri (ID310969M) ta' Carnation, Flat 6, Triq Ġużeppi Lanzon, Marsakala, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u sebgħa u tletin ċenteżmu Lm236.37 (€550.59) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (395/07ISB) hija differita għat-12 ta' Novembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th August 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 2nd May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Sharon Camilleri (ID310969M) of Carnation, Flat 6, Triq Ġużeppi Lanzon, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and thirty six Maltese liri and thirty seven cents Lm236.37 (€550.59) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 395/07ISB) is put off on the 12th November 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 29th October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1541

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Mejju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

SMW Cortis Limited (C-6728) ta' Mdina Road, Żebbuġ, ippreżentaw Talba fid-9 ta' Novembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Clint Carrhehir ta' Okellys, 160, Ix-Xatt, Ta' Xbiex, Gżira, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltija Lm660 (€1,537.39) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (1006/06PBC) hija differita għat-13 ta' Novembru 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 29 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 30th Mejju 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

SMW Cortis Limited (C-6728) of Mdina Road, Żebbuġ ZBG 05 filed a Claim on the 9th November 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Clint Carrhehir of Okellys, 160, Ix-Xatt, Ta' Xbiex, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and sixty Maltese liri Lm660 (€1,537.39) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 1006/06PBC) is put off on the 13th November 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 29th October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1542

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Settembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Niagara Limited (C31714) ta' 219, Villambrosa Street, Ħamrun, ippreżentaw Talba fis-16 ta' Mejju 2007 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil John Briffa ta' 17, Ariescorp, Triq L. Casolani, Birkirkara, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disa' mija u ħamsin lira Maltija Lm950 (€2,212.90) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (435/07MK) hija differita għat-12 ta' Novembru 2007 fin-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 29 ta' Ottubru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 13th September 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Niagara Limited (C31714) of 219, Villambrosa Street, Ħamrun filed a Claim on the 16th May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn John Briffa of 17, Ariescorp, Triq L. Casolani, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of nine hundred and fifty Maltese liri Lm950 (€2,212.90) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 435/07MK) is put off on the 12th November 2007 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 29th October 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1543

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru 2007, in segwitu għar-rikors ta' Antoinette Galea, rikors numru 642/2007, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Roman Franciszek Szwed, irtirat, iben il-mejjet Franciszek Szwed u l-mejta Elzbieta neé Muschik, imwieled f'Tarnowskie Gory Selesia, l-Polonja u miet Dumbarton, l-Iskozja, ir-Renju Unit, fit-13 ta' Marzu 2007, b'passaport Brittaniku numru 702565771.

Din il-pubblikazzjoni għandha ssir nhar il-Ħamis, 27 ta' Novembru 2007, fl-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.) fl-uffiċċju/fond bl-isem 'Les Etoile', Triq San Mark, San Ġiljan, b'att tan-Nutar Dottor Maurice Gambin.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), 29 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 22nd October 2007, following an application of Antoinette Galea, application number 642/2007, ordered the publication of the inventory of assets of Roman Franciszek Szwed, retired, son of the late Franciszek Swed and the late Elzbieta neé Muschik, born in Tarnowskie Gory Selesia, Poland and died in Dumbarton, Scotland, United Kingdom, on the 13th March 2007, British Passport number 702565771.

This publication shall be held on Thursday, 27th November 2007, at ten in the morning (10.00 a.m.) at the office/premises with the name 'Les Etoile', Saint Mark Street, St. Julian's, by deed of Notary Dr Maurice Gambin.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 29th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1544

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-10 ta' Mejju, 2007, fil-kawża Att ta' Akkuża Nru 11/2000 – fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta kontra:

Brian Godfrey Bartolo, iben John u Carmen sive Carmelina neé Cilia, imwieled tal-Pietà fit-30 ta' Awissu, 1972, residenti Roderick, Flat 4, Triq Francesco Ximenes, Naxxar, u li għandu n-numru ta' l-identità 372972(M)

Ordnat il-kanċellazzjoni tas-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprietà mobbli kollha li huma dovuti lil/jew imissu lilu, jew li huma propjetà tiegħu u għaldaqstant l-istess Brian Godfrey Bartolo jista' jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà mobbli jew immobbli, u dana b'effett mit-12 ta' Marzu 2007.

L-ordni ta' sekwestru ta' l-assi kollha kienet ġiet mogħtija b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-13 ta' Lulju, 1999 u kienet ġiet debitament pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 16,817 fis-16 ta' Lulju, 1999.

Dan l-avviż jissostitwixxi l-avviż li ħareġ fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Awissu 2007.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta) – Illum 29 ta' Ottubru, 2007.

PAUL MIRUZZI
Reġistratur

IT IS HEREBY NOTIFIED that by a decree given by the Court of Criminal Appeal (Superior Jurisdiction) on the 10th May, 2007, Bill of Indictment Number 11/2000 – in the names The Republic of Malta versus:

Brian Godfrey Bartolo, son of John and Carmen sive Carmelina neé Cilia, born at Pietà on the 30th August, 1972, residing at Roderick, Flat No. 4, Triq Francisco Ximenes, Naxxar holder of Identity Card No. 372972(M)

Ordered the cancellation of the attachment order in the hands of third parties in a general manner of all monies and any moveable property which would have been due to him or belonging to him and thus the above named Brian Godfrey Bartolo may now transfer or in any other way dispose of all moveable or immoveable property and this with effect from 12th March, 2007.

The original attachment order of all his assets was given by the Courts of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 13th July, 1999 and duly published in the Malta Government Gazette Number 16,817 on the 16th July, 1999.

This notice substitutes the notice issued in the Government Gazette of the 21 August 2007.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta) - Today 29th October, 2007.

PAUL MIRUZZI
Registrar

1545

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 293/07 NC, fl-ismijiet Milen Atanasov Milev vs Charmaine Mifsud, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Milen Atanasov Milev vs Charmaine Mifsud, fis-17 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti Milen Atanasov Milev ID No. 25789(A), talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara għar-raġunijiet premessi li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: Charmaine Mifsud,
Flat 5, Blokk E, Triq Andrè Maurois,
St. Julian's.

Ir-Rikors Numru 293/07 NC, fl-ismijiet Atanasov Milev Milen vs Mifsud Charmaine, jinsab appuntat għas-smigħ għal-Ħamis, 15 ta' Novembru 2007, Awla 23, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 29 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 3rd October 2007, in the records of the Sworn Application number 293/07 NC, in the names Milen Atanasov Milev vs Charmaine Mifsud, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Milen Atanasov Milev vs Charmaine Mifsud, on the 17th July 2007, the applicant Milen Atanasov Milev ID No. 25789(A), asked this Honourable Court:

1. To decide and declare for the reasons premised that the marriage between the parties is null and without effect for all intents and purposes of Law.

With costs, against the respondent summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Charmaine Mifsud,
Flat 5, Block E, Andrè Maurois Street,
St. Julian's.

The Application Number 293/07 NC, in the names Atanasov Milev Milen vs Mifsud Charmaine, is appointed for hearing on Thursday 15th November 2007, Hall 23, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 29th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1546

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-19 ta' Settembru 2007, minn Maria Stella Carabott, mart Carmelo Carabott, rikors numru 599/2007, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u ta' ħutha Giuseppa sive Josephine mart John Mary Debono, Margherita, mart Salvino Spiteri u Giovanni sive John, aħwa Gatt, (ħut id-decujus) u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, favur l-eredità ta' Angelo Gatt (missier id-decujus) liema eredità hija regolata b'żewġ testmenti wieħed tas-26 ta' Ottubru 1961, u l-ieħor tal-15 ta' Awissu 1969, it-tnejn in atti tan-Nutar Dottor Robert Girard, u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża; u favur l-eredità ta' Generoso Gatt (ħu d-decujus), liema eredità hija regolata b'testament tas-

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 19th September 2007, by Maria Stella Carabott, wife of Carmelo Carabott, application number 599/2007, whereby she asked that it be declared open all in her favour and of her brothers and sisters Giuseppa sive Josephine wife of John Mary Debono, Margherita, wife of Salvino Spiteri and Giovanni sive John, (brothers and sisters of the decujus) and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share in favour of each one of them, in favour of the estate of Angelo Gatt (father of the decujus) which estate is regulated by two wills one of the 26th October 1961, and the other of the 15th August 1969, both in the records of Notary Dr Robert Girard, and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share, and in favour of the inheritance of Generoso

6 ta' Marzu 2003, in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża s-SUĊĊESSJONI ta' ħuha Francesco sive Francis Gatt, ġuvni, iben il-mejtin Angelo u Giovanna neé Fenech, imwieled Ħal Għaxaq, kien joqgħod Marsaxlokk u miet Ħal Luqa, fil-25 ta' Frar 1988, ta' 71 u kellu karta ta' l-identità numru 0764026(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 30 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Gatt (brother of the decujus) which estate is regulated by a will of the 6th March 2003, in the records of Notary Dr Vanessa Pool and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share the SUCCESSION of her brother Francesco sive Francis Gatt, bachelor, son of the late Angelo and Giovanni neé Fenech, born in Għaxaq, who resided in Marsaxlokk, and died in Luqa, on the 25th February 1988, intestate, aged 71 and who had identity card number 0764026(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 30th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1547

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fl-atti tar-Rikors Numru 12/2006, fl-ismijiet Doreen Anastasi vs Gaming Operations Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-attriċi Doreen Anastasi, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, Rikors Numru 12/06, fl-ismijiet Doreen Anastasi vs Gaming Operations Limited, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għal nhar l-Erbgħa, it-tlieta (3) ta' Ottubru 2007, fid-9.30 a.m. u differit għal 14 ta' Novembru 2007, fid-9.00 a.m.

Notifika: Doreen Anastasi
Salina Park, Blk 7/8,
Triq it-Tamar,
San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) (Appell Amministrattiv), illum 29 ta' Ottubru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Appeal, by means of a decree given in the records of the Application Number 12/2006, in the names Doreen Anastasi vs Gaming Operations Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the plaintiff Doreen Anastasi, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal, Application Number 12/06, in the names Doreen Anastasi vs Gaming Operations Limited, have been closed, the Court fixed the hearing of this cause on Wednesday, third (3) of October 2007, at 9.30 a.m., and put off to the 14th November 2007, at 9.00 a.m.

Notify: Doreen Anastasi
Salina Park, Blk 7/8,
Tamar Street,
St. Paul's Bay.

Registry Court of Appeal, (Inferior Jurisdiction) (Administrative Appeal), today 29th October 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1548

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-24 ta' Ottubru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

